MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2022

Appell Inferjuri Numru 115/2021LM

**Anthony Zammit (K.I. nru. 970347(M)) u martu Mary Louise Zammit (K.I. nru. 686251(M)) għal kull interess illi jista' jkollha**
*('l-appellati')*

***vs*.**

**Carmen Vella (K.I. nru. 300043(M))**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Carmen Vella (K.I. nru. 300043(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mis-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju, 2021, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Bord li Jirregola l-Kera [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'] fl-ismijiet fuq premessi li

ddeċieda t-talbiet tar-rikorrenti **Anthony Zammit u martu Mary Louise Zammit għal kull interess illi jista' kollha** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'] kif ġej:

> *"Għal dawn il-motivi, dan il-Bord qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi filwaqt li jiddikjara li l-kirja* de quo *qiegħda tiġi xolta u terminata jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ai fini tar-raba' talba jipprefiġġi terminu ta' disgħin (90) ġurnata sabiex l-intimata tirritorna l-fond numru 40, "Rob", Triq San Luqa, Gwardamangia, flimkien mal-bejt u l-arja tiegħu, bil-pussess battal favur ir-rikorrenti.*
>
> *In vista taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partjiet."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw il-kirja tal-fond magħruf bl-isem 'Rob', bin-numru 40, fi Triq San Luqa, Gwardamangia, Pietà, [minn issa 'l quddiem 'il-fond'], liema kirja kienet saret favur l-appellanta aktar minn ħamsin sena ilu mill-antekawża tal-appellati. Sussegwentement il-fond kien għadda fil-patrimonju tal-appellat Anthony Zammit, u dan stante li ġie mħolli lilu bħala prelegat minn missieru Carmelo Zammit permezz tat-testment tiegħu tal-14 ta' Marzu, 1994 fl-atti tan-Nutar Antoine Agius. Imbagħad fil-15 ta' Novembru, 2019, l-appellat flimkien ma' martu l-appellata ntavolaw proċeduri kostituzzjonali permezz ta' rikors quddiem il-Qorti Ċivili, Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) bin-numru 223/2019 fl-ismijiet **Anthony Zammit u martu Mary Louise Zammit *vs.* L-Avukat tal-Istat u Carmen Vella**, fejn fost talbiet oħra huma talbu lil dik il-Qorti sabiex tiddikjara ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti permezz tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [minn issa 'il-Kostituzzjoni'] u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [minn issa

il-Konvenzjoni Ewropea'], u anki li l-appellanta ma setgħetx tibqa' tistrieħ fuq il-protezzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 sabiex tkompli tirrisjedi fil-fond, filwaqt li tordna l-iżgumbrament tagħha. Permezz tas-sentenza tal-15 ta' April, 2021, il-Prim'Awla, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) laqgħet it-talba tal-appellati u ddikjarat li l-appellanta ma tistax tistrieħ aktar fuq id-disposizzjonijiet tal-Kap. 69, liema sentenza saret finali stante li ma ġietx appellata minn wieħed jew ieħor mill-partijiet.

## <u>Mertu</u>

3. L-appellati għalhekk istitwew proċeduri quddiem il-Bord permezz tal-preżentata ta' rikors fl-10 ta' Mejju, 2021 fil-konfront tal-appellanta, fejn talbu l-imsemmi Bord sabiex jogħġbu:

*"1. Jiddeċiedi l-kawża skont it-talba bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Jiddikjara u jiddeċiedi illi abbażi ta' dak deċiż mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-atti tar-rikors bin-numru: 223/2019/MCH fl-ismijiet "Anthony Zammit u martu Mary Louis Zammit v. L-Avukat tal-Istat u Carmen Vella" nhar il-15 ta' April, 2021 l-intimata Carmen Vella ma tistax tibqa' tistrieħ fuq id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 1531Ċ tal-Kodiċi Ċivili sabiex tibqa' fl-okkupazzjoni tal-fond ossija mezzanin flimkien mal-bejt u l-arja tiegħu immarkat bin-numru erbgħin (40), "Rob", Triq San Luqa, Gwardamangia, Pietà;*

*3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi abbażi ta' dak deċiż mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-atti tar-rikors bin-numru: 223/2019/MCH fl-ismijiet "Anthony Zammit u martu Mary Louise Zammit v. L-Avukat tal-Istat u Carmen Vella" nhar il-15 ta' April, 2021 l-intimata Carmen Vella ma tistax tibqa' fl-okkupazzjoni tal-fond ossija mezzanin flimkien mal-bejt u l-arja tiegħu immarkat bin-numru erbgħin (40), "Rob", Triq San Luqa, Gwardamangia, Pietà u jiddikjara*

*u jordna wkoll it-terminazzjoni u x-xoljiment tal-kirja illi qabel kellha l-intimata Carmen Vella;*

4. *Jawtorizza lill-esponenti jieħdu lura l-pussess tal-fond ossija mezzanin flimkien mal-bejt u l-arja tiegħu immarkat bin-numru erbgħin (40), "Rob", Triq San Luqa, Gwardamangia, Pietà u konsegwentament jordna l-iżgumbrament tal-intimata Carmen Vella mill-fond ossija mezzanin flimkien mal-bejt u l-arja tiegħu immarkat bin-numru erbgħin (40), "Rob", Triq San Luqa, Gwardamangia, Pietà u dana entru terminu qasir u perentorju illi jiġi lilha prefiss minn dana l-Onorabbli Bord u għar-raġunijiet premessi;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimata Carmen Vella illi hija minn issa inġunta in subizzjoni. B'riżerva espressa għal kwalunkwe jedd ieħor ta' azzjoni illi għandhom l-esponenti kontra l-istess intimata"*

4. Fl-10 ta' Ġunju, 2021 l-appellanta ppreżentat nota *ai termini* tal-para. (a) tas-subartikolu 16A(5) tal-Kap. 69, iżda l-Bord permezz tad-digriet tiegħu tas-17 ta' Ġunju, 2021 ċaħad it-talba tagħha sabiex tressaq id-difiża tagħha, u b'hekk għadda għas-sentenza.

## Is-Sentenza Appellata

5. Il-Bord wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Ikkunsidra:***

*Illi mir-riżultanzi proċesswali jirriżulta illi l-intimata tikri mingħand ir-rikorrenti l-fond numru 40, Triq San Luqa, Gwardamangia versu l-kera ta' mitejn u disa' ewro (€209) fis-sena.*

*Jirriżulta wkoll illi in konnessjoni mal-kirja* de quo *r-rikorrenti pproċedew b'kawża kostituzzjonali fl-ismijiet* ***Anthony Zammit et vs L-Avukat tal-Istat et*** *liema kawża ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' April 2021, fejn fost affarijiet oħra ġie dikjarat illi r-rikorrenti ġarrbu vjolazzjoni tal-jeddijiet*

*fundamentali tagħhom kif imħarsa bl-Ewwel (1) Artikolu tal-Ewwel (1) Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Ġie deċiż ukoll is-segwenti, u* cioè:

"illi l-intimata Carmen Vella ma tistax tistrieħ aktar fuq id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 1531Ċ tal-Kodiċi Ċivili."

*Illi għaldaqstant ir-rikorrenti pproċedew quddiem dan il-Bord għall-iżgumbrament tal-intimata mill-fond de quo.*

*Illi fil-fehma tal-Bord, is-sentenza su ċitata, ikkrejat dritt kweżit fir-rikorrenti fil-mument li l-istess saret* res judicata*. Illi dan qiegħed jingħad anke fid-dawl tal-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jesiġi li jekk xi liġi tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-istess Kostituzzjoni għandha tipprevali u l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett. Kwindi ċertament, fid-dawl tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) l-intimata ma tistax tibqa' tistrieħ iktar fuq id-drittijiet ta' rilokazzjoni naxxenti mill-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalkemm id-disposizzjonijiet tal-imsemmi Kapitolu għadhom viġenti, ġew dikjarati leżivi tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u kwindi bla effett.*

*Illi dan il-Bord huwa konxju wkoll illi fl-1 ta' Ġunju 2021 daħal* in vigore *l-Att XXIV tal-2021 li stabilixxa mekkaniżmu għal żieda fil-kera ta' fondi residenzjali mogħtija b'kera qabel l-1995. Madanakollu, il-Bord, jirrileva illi ma jistax jiskarta l-pronunzjament tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), liema pronunzjament ikkristallizza l-posizzjoni bejn il-partijiet, u dan anke għaliex fil-liġi li daħlet bl-imsemmi Att ma hemm l-ebda disposizzjoni li b'xi mod tinċidi fuq dak li ġie pronunzjat permezz tas-sentenza su ċitata.*

*Illi konsegwentement, dan il-Bord intalab ukoll sabiex jiffissa terminu qasir u perentorju entro liema l-intimata għandha tiżgumbra mill-fond de quo. Il-Bord japprezza li l-intimata tista' ssib ruħha f'diffikultajiet kbar wara din id-deċiżjoni. Madankollu, il-Bord irid iħares ukoll id-drittijiet tas-sidien kif enunċjati bis-sentenza kostituzzjonali. Għalhekk huwa tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi għandu jagħti żmien biżżejjed biex l-intimata, li għandha ċertu età, tilħaq tagħmel arranġamenti alternattivi. Għaldaqstant se jkun qiegħed jordna lill-intimata sabiex tiżgombra mill-fond de quo fi żmien disgħin (90) ġurnata."*

## L-Appell

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fit-2 ta' Lulju, 2021, fejn qiegħda titlobha sabiex tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, filwaqt li tordna li m'għandux japplika l-iżgumbrament fil-konfront tagħha, iżda minflok jiġu applikati r-rimedji *ai termini* tal-Att XXIV tal-2021, u dan taħt kull provvediment li jidhrilha xieraq li għandha tagħti u bl-ispejjeż kontra l-appellati. Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (i) il-Bord kien tenut japplika l-emendi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att XXIV tal-2021, u b'hekk jordna t-test tal-mezzi; u (ii) l-Att XXIV tal-2021 huwa applikabbli għall-każ odjern minkejja l-pronunzjament tal-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali).

7. L-appellati wieġbu fit-8 ta' Ottubru, 2021 fejn issottomettew li kemm id-digriet u anki s-sentenza appellata tal-Bord huma ġusti u jimmeritaw konferma minn din il-Qorti, u dan għar-raġunijiet li huma jfissru fir-risposta tagħhom.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fis-sentenza appellata u tas-sottomissjonijiet tal-appellanti. Tgħid li ż-żewġ aggravji tal-appellanta għandhom jiġu trattati flimkien, stante li l-argumenti miġjuba minnha huma pjuttost viċin, u għalhekk għandu jkun mistenni li l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti għandhom wkoll ikunu applikabbli għal kull wieħed miż-żewġ aggravji.

9. L-ewwel aggravju tal-appellanta huwa li l-Bord kien tenut japplika l-emendi għall-Kodiċi Ċivili u għall-Kap. 69, li ġew fis-seħħ permezz tal-Att XXIV tal-2021 fit-28 ta' Mejju, 2021. Tikkontendi li skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 4A tal-Kap. 69, l-emendi l-ġodda għandhom jibdew japplikaw mill-1 ta' Ġunju, 2021, u għalhekk qabel id-data tas-sentenza appellata. L-appellanta tispjega li quddiem il-Bord, hija kienet issottomettiet li permezz ta' dawn l-emendi l-appellati għandhom a disposizzjoni tagħhom rimedju ordinarju ġdid li joħloq bilanċ ġust u proporzjonat bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini, sabiex b'hekk tiġi evitata sitwazzjoni fejn persuni f'qagħda finanzjarja simili għal tal-appellanta jispiċċaw mingħajr saqaf fuq rashom. Tispjega li permezz ta' dawn l-emendi, fejn hemm kera li tkun bdiet qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, is-sid għandu dritt jippreżenta rikors quddiem il-Bord fejn jitlob li l-kera tiġi riveduta għal ammont li ma jaqbiżx 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ ta' dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar ta' dik is-sena meta jiġi ppreżentat tali rikors. B'hekk tgħid lill-Bord jgħaddi sabiex jeżegwixxi t-test tal-mezzi tal-inkwilina skont kif stabbilit mir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), u fejn l-imsemmija inkwilina tissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital ta' dak it-test, il-Bord huwa tenut jistabbilixxi żieda fil-kera. B'hekk tgħid l-appellanta, il-Bord ma kienx korrett meta ordna l-iżgumbrament tagħha. It-tieni aggravju tal-appellanta jkompli fuq l-istess argument imfisser hawn fuq. Tikkontendi li l-Att XXIV tal-2021 huwa applikabbli għall-każ odjern minkejja dak li ppronunzjat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza tagħha. Wara li ċċitat dak li qal il-Bord fis-sentenza appellata meta kkonsidra s-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), tistqarr li hija ma taqbilx mar-raġunament żbaljat tiegħu għaliex il-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede

Kostituzzzjonali) kienet qegħda tirreferi għall-Kap. 69 hekk kif dan ma kienx għadu emendat. Barra minn hekk, tkompli tgħid l-appellanta, it-talba għall-iżgumbrament ma kinitx intlaqgħet minn dik il-Qorti. Tissottometti li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) m'għandhiex is-setgħa li tordna l-iżgumbrament, u għalhekk irrefera lill-appellati lill-Bord, li min-naħa tiegħu kien tenut jikkonsidra l-emendi li daħlu fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Ġunju, 2021 qabel is-sentenza tiegħu.

10. L-appellati fir-risposta tagħhom jissottomettu li qabel xejn huma ser iressqu punt ta' natura proċedurali, li għandu jġib fix-xejn ir-rikors tal-appell. Jgħidu li fir-rikors odjern, l-appellanta mhijiex qegħda tappella jew titlob ir-revoka tad-digriet li ta l-Bord li permezz tiegħu ċaħad it-talba tagħha sabiex tikkontesta l-proċeduri kontriha li kienu saru *ai termini* tal-artikolu 16A tal-Kap. 69. L-appellati għalhekk jikkontendu li jekk din il-Qorti tilqa' l-appell miġjub mill-appellanta, xorta waħda jkollha tingħata sentenza kontra tagħha, u għalhekk l-appell odjern ma jista' qatt jirnexxi u għandu jiġi miċħud. Dwar l-ewwel aggravju, l-appellati jissottomettu li l-argument tal-appellanta huwa wieħed fallaċi. Jikkontendu li l-ġudikat tas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) ma jistax jiġi attakkat jew impunjat minħabba bidla fil-liġi sussegwenti. Tirrileva li l-appellati saħansitra kienu mill-ewwel intavolaw il-proċeduri quddiem il-Bord, u ma kienet tagħmel l-ebda differenza li l-imsemmi Bord appunta s-smigħ tal-proċeduri għal data wara li daħlu fis-seħħ l-emendi in kwistjoni. Irrilevaw ukoll li l-appellanta ma kinitx appellat mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), u għalhekk aċċettat il-ġudizzju fejn ingħad li hija ma setgħetx tibqa' tokkupa l-fond mertu tal-proċeduri. L-appellati

jikkontendu li mid-data ta' dik is-sentenza sad-data tas-sentenza appellata, l-appellanta kienet qegħda tokkupa l-fond mingħajr titolu. Jissottomettu li jekk l-emendi l-ġodda kellhom l-intenzjoni li jċaħħdu lis-sidien mid-drittijiet akkwistati bis-saħħa ta' ġudikat, dan kienu jgħiduh, u hawn huma jiċċitaw proprju l-istess argument li kien tenna l-Bord fis-sentenza appellata. Huma jiċċitaw silta mis-sentenza fl-ismijiet **Ann sive Felicity Wismayer *vs.* Patricia Engerer**[1] fejn il-Bord tenna l-istess argument. Jgħidu li anki l-argument tal-appellanta li l-Bord kien tenut li jordna t-test tal-mezzi ma jagħmilx sens, għaliex minbarra sottomissjonijiet li huma kienu ser iressqu fir-rigward tat-tieni aggravju, isostnu li t-test tal-mezzi kellu jiġi ordnat fi proċeduri oħra u mhux f'dawk odjerni. Għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju, l-appellati jissottomettu li m'għandux mis-sewwa l-argument tal-appellanta li l-Att XXIV tas-sena 2021 japplika wkoll għall-każ odjern, minkejja l-ġudikat tal-15 ta' April, 2021 tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla. L-appellati jgħidu li dik is-sentenza għaddiet in ġudikat u saħansitra tikkostitwixxi wkoll titolu eżekuttiv. Jikkontendu li ġaladarba skont dik is-sentenza l-appellanta ma baqgħetx tgawdi l-protezzjoni tal-Kap. 69, ma setgħetx tippretendi li emenda sussegwenti kienet tapplika fil-konfront tagħha wkoll, u għalhekk il-Bord kien korrett legalment fid-deċiżjoni tiegħu.

11. Il-Qorti tgħid li s-sentenza appellata hija waħda tajba. Tikkonsidra li s-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) li straħu fuqha l-appellati meta ntavolaw ir-rikors tagħhom quddiem il-Bord fil-10 ta' Mejju, 2021, kienet ingħatat biss ftit jiem qabel fil-15 ta' April, 2021. Tqis ukoll li l-emendi tal-Kodiċi Ċivili u tal-Kap. 69, li saru permezz tal-Att XXIV tal-2021, ġew

[1] Bord li Jirregola l-Kera, 30.07.2021.

imbagħad ppromulgati ftit jiem wara li huma kienu ppreżentaw ir-rikors promotur quddiem il-Bord, jiġifieri fit-28 ta' Mejju, 2021. Għalhekk meħud in konsiderazzjoni din is-sekwenza tad-dati rilevanti għall-fini tal-kwistjoni odjerna, il-Qorti tgħid li l-Bord kien korrett meta filwaqt li osserva li huwa ma setax jiskarta l-pronunzjament magħmul permezz tas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), li kkristallizzat l-pożizzjoni bejn il-partijiet, anki tgħid il-Qorti, fin-nuqqas ta' appell minn xi parti, irrileva li d-disposizzjonijiet tal-Att XXIV tal-2021 bl-ebda mod ma jinċidu fuq il-pronunzjament ta' dik il-Qorti. Tagħraf li fin-nuqqas ta' xi disposizzjoni retroattiva jew saħansitra li kellha l-effett li tħassar dak il-pronunzjament, il-Bord ma setax japplika l-provvedimenti tal-Att XXIV tal-2021, minflok li jimxi skont il-pronunzjament tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali).

12. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li l-aggravji tal-appellanta mhumiex ġustifikati u tiċħadhom, iżda tikkonsidra li t-terminu ta' disgħin (90) jum mogħti lill-appellanta mill-Bord huwa pjuttost wieħed qasir sabiex hi tagħmel arranġamenti oħra għar-residenza tagħha. Għalhekk din il-Qorti tqis li għandu jkun aktar xieraq, meħud ukoll in konsiderazzjoni l-età tagħha u l-għajnuna li tista' tkun intitolata għaliha mingħand l-Awtorità tad-Djar, li l-appellanta tingħata terminu minflok ta' disa' (9) xhur.

13. Għal dak li jirrigwarda s-sottomissjoni ta' natura proċedurali magħmula mill-appellati, li l-appellanta hawn mhijiex qegħda tappella wkoll mid-digriet tal-Bord fejn ġiet miċħuda t-talba tagħha sabiex tikkontesta l-proċeduri ntavolati mill-appellati quddiemu, il-Qorti tikkonsidra li fid-dawl ta' dak hawn deċiż, hija għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu kif imfisser aktar 'il fuq f'din is-sentenza, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha għajr fejn il-Bord stabbilixxa terminu ta' disgħin (90) jum għall-iżgumbrament tagħha, liema terminu din il-Qorti qiegħda testendi għal disa' (9) xhur, li għandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-proċeduri quddiem il-Bord, in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Tordna l-komunika ta' din is-sentenza liċ-Chairperson tal-Awtorità tad-Djar.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**